MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 55/1999/1

**Philippa Briffa, Marianna Frendo, Agnes D'Anastasi**

***kontra***

**Carmelo Agius u Josephine Calleja**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ic-citazzjoni prezentata fit-8 ta` Jannar 1999 li taqra hekk :–

*Illi l-kontendenti Philippa Briffa, Marianne Frendo, Agnes D`Anastasi, Carmelo Agius u Josephine Calleja, ahwa Agius jigu ulied Paolo u Antonia mizzewgin Agius ;*

*Illi l-imsemmi Paolo Agius miet fil-21 ta` Frar 1985 (Dok A) ;*
*Illi l-imsemmija Antonia Agius mietet fis-16 ta` Ottubru 1984 Dok B ;*

*Illi l-kontendenti huma eredi fi kwoti indaqs bejniethom u cioe` parti wahda minn hamsa (1/5) kull wiehed u wahda mill-kontendenti ;*

*Illi d-defunti fuq imsemmija ghamlu zewg (2) testmenti "unica charta" maghmula atti Nutar George Bonello du Puis tal-14 ta` Dicembru 1975 u 11 ta` Awissu 1984 (Dok C u Dok D) ;*

*Illi mit-testmenti imsemmija jirrizultaw diversi legati u prelegati fosthom dawk mhollija favur il-konvenuti sabiex dawna jiehdu certi propjetajiet immobbiljarji akkont ta` sehemhom ;*

*Illi l-konvenuti qatt ma ghamlu debita talba ghal-legati u prelegati imsemmija ;*

*Illi l-konvenuti ma jistghux aktar jitolbu l-legati u prelegati imsemmija billi idekorra z-zmien relattiv tal-preskrizzjoni ;*

*Illi l-kontendenti ghad ghandhom diversi propjeta` mobbli u immobbli in komunjoni bejniethom inkluz il-propjetajiet li kienu mhollija bil-legati u prelegati imsemmija (liema legati u prelegati illum spiccaw) ;*

*Illi l-kontendenti ma ftehmux dwar qasma bonarja u l-atturi ma jridux li jibqghu aktar fi stat ta` komunanza;*

*Jghidu ghalhekk l-istess konvenuti ghaliex m`ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :-*

*1. Tiddikjara illi l-konvenuti ma jistghux jitolbu aktar il-legati u prelegati imsemmija fit-testmenti "unica charta" maghmula atti Nutar George Bonello du Puis tal-14 ta` Dicembru 1975 u 11 ta` Awissu 1984 billi d-dritt l-istess legati u prelegati huma estinti bl-gheluq taz-zmien relattiv ta` l-preskrizzjoni ;*

*2. Tiddikjara illi l-propjetajiet kollha illum posseduti in komunjoni bejn il-partijiet komprizi dawk li kienu imhollija fil-legati imsemmija huma posseduti kwantu ghal parti minn hamsa (1/5) indiviza kull wiehed u wahda mill-kontendenti ;*

*3. Tillikwida l-assijiet ereditarji ta` Paolo u Antonia konjugi Agius, inkluz il-komunjoni ta` l-akkwisti ezistenti bejniethom;*

*4. Taqsam l-assijiet rispettivi hekk likwidati f`porzonijiet ta` valur ugwali bejn il-kontendenti occorrendo n-nomina ta` perit ghal-likwidazzjoni, divizjoni u stimi ta` licitazzjonijiet mehtiega ;*

*5. Tassenja l-porzjonijiet hekk likwidati u divizi lill-kontendenti skond pjan ta` divizjoni maghmul mill-perit imsemmi ;*

*6. Tinnomina Nutar Pubbliku jew delegat tieghu ghall-pubblikazzjoni ta` l-kuntratt relattiv u tiffissa data, hin u lok ghall-istess ;*

*7. Tinnomina kuraturi biex jirrappresentaw lill-eventwali kontumaci ;*

*8. Taghti dawk il-provvedimenti kollha opportuni skond ir-rizultanzi ta` l-kaz a tenur ta` l-ligi.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta` Inibizzjoni fl-ismijiet 'Phyllis Briffa et vs Carmelo Agius' numru 4455/98 MI kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u biex jixhdu.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi, il-lista tax-xhieda ndikati minnhom u l-elenku ta' dokumenti esebiti mac-citazzjoni.

Rat in-nota ta` l-eccezzjonijiet tal-konvenuti prezentata fid-29 ta` April 1999 li taqra hekk :-

*1. Illi l-ewwel zewg talbiet tal-atturi huma nfondati billi l-esponenti ilhom ghal hafna snin jippossiedu l-legati ossia prelegati lilhom imhollijin fit-testment tal-genituri taghhom, u ghal dawk it-talbiet tosta l-preskrizzjoni tal-artikolu 2140 tal-Kap. 16 ;*

*2. Illi ghalhekk l-assi li ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet ma jinkludix is-sostanzi imhollijin lill-esponenti b`legat ;*

*3. Illi salv il-premess, l-esponenti ma jopponux id-divizjoni jew jekk inhu l-kaz il-licitazzjoni, u qatt ma opponew id-divizjoni bonarja tal-propjeta` komuni, anzi kienu l-atturi li sfrattawha, u ghalhekk l-esponenti ma ghandhomx ibatu ebda spejjez ta` din il-kawza.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda ndikati minnhom.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda tal-attrici Philippa Briffa fl-udjenza tas-6 ta` Dicembru 1999 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-attrici Agnes D`Anastasi.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda tal-Av Joseph Borg, tal-attrici Agnes D`Anastasi, tal-attrici Marianna Frendo u tal-attrici Phyllis Briffa fl-udjenza tas-27 ta` Marzu 2000 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat iz-zewg noti b`dokumenti li pprezentaw il-konvenuti fit-12 ta` April 2000 u fil-25 ta` April 2000.

Rat iz-zewg noti b`dokumenti li pprezentaw l-atturi fid-29 ta` Marzu 2000 u fit-8 ta` Awissu 2000.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-atturi Phyllis Briffa u Marianna Frendo.

Rat in-nota li pprezentaw l-atturi fl-20 ta` Gunju 2001 dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda tal-konvenut Carmelo Agius fl-udjenza tas-7 ta` Novembru 2001 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat in-nota b`dokumenti fosthom l-affidavit taghha li l-konvenuta Josephine Calleja pprezentat fil-21 ta` Jannar 2002.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Leonard Calleja.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda ta` Alfred Farrugia fl-udjenza tat-22 ta` Mejju 2002 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u rat id-dokumenti li pprezenta.

Rat in-nota b`dokumenti senjatament zewg affidavits u nota ta` osservazzjonijiet li pprezentaw il-konvenuti fis-17 ta` Jannar 2003.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda ta` Alfred Farrugia fl-udjenza tal-11 ta` Frar 2003 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u rat id-dokument li pprezenta.

Rat ukoll it-traskrizzjoni tax-xiehda ta` Josephine Calleja fl-istess udjenza.

**Rat is-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta` Gunju 2003 fejn laqghet l-eccezzjoni tal-konvenuti fis-sens illi huma ghad ghandhom dritt ghal-legati mhollija lilhom mill-genituri taghhom u fejn cahdet l-ewwel talba tal-atturi. L-ispejjez thallew riservati ghad-decizjoni finali (fol 238A sa 238H).**

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda tal-konvenut Carmelo Agius fl-udjenza tad-19 ta` Jannar 2004 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda tal-kontroezami tal-konvenut Carmelo u tax-xiehda tal-attrici Marianna Frendo fl-udjenza tal-20 ta` Frar 2004 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u rat id-dokumenti li kienu prezentati fl-istess udjenza.

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda tal-atturi Philippa Briffa u Agnes D`Anastasi fl-udjenza tas-26 ta` April 2004 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentaw il-konvenuti u dik prezentata mill-atturi fl-udjenza tal-24 ta` Mejju 2004 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat in-nota li pprezentaw l-atturi u dik li pprezentaw il-konvenuti fl-udjenza tad-29 ta` Ottubru 2004 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat in-nota li pprezentaw il-konvenuti fl-udjenza tad-9 ta` Dicembru 2004 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat in-nota li pprezentaw l-atturi fl-udjenza tad-9 ta` Frar 2005 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat in-nota li pprezentaw il-konvenuti fl-20 ta` April 2005.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-27 ta` April 2005 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat in-nota b`dokument li pprezentaw l-atturi fis-27 ta` Mejju 2005.

Rat in-noti li pprezentaw il-konvenuti fl-udjenzi tat-8 ta` Gunju 2005 u tas-7 ta` Ottubru 2005 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet li pprezentaw l-atturi fl-14 ta` Dicembru 2005.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet u dokumenti li pprezentaw il-konvenuti fit-8 ta` Frar 2006.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet u dokumenti li pprezentaw l-atturi fis-26 ta` April 2006.

Rat ir-replika u dokument li pprezentaw il-konvenuti fil-15 ta` Mejju 2006.

**Rat is-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta` Frar 2007 fejn riferibbilment ghat-tieni u ghat-tielet talbiet attrici ddikjarat illi l-propjetajiet kollha posseduti in komunjoni bejn il-partijiet komprizi dawk li kienu mhollija b`legati huma posseduti in kwantu ghal parti minn hamsa (1/5) indiviza kull wiehed u wahda mill-kontendenti. Iddikjarat ukoll li jifformaw parti mid-divizjoni : a) l-ghalqa tal-Barrakki li tinkludi razzett ; b) id-dar 50, Triq il-Grazja, Zebbug ; c) il-konfratija ; u d) id-deheb. Hatret lill-Perit David Pace biex jaghmel stima. L-ispejjez tas-sentenza baqghu riservati ghad-decizjoni finali.**

Rat in-nota (b`dokumenti) li pprezentaw il-konvenuti fid-9 ta` April 2007.

Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta fit-2 ta` Mejju 2008 fejn issostitwiet lill-Perit David Pace bil-Perit Richard Aquilina bhala perit tekniku.

Rat id-digriet li tat din il-Qorti hekk kif presjeduta fit-18 ta` Jannar 2010 fejn idderigiet lill-perit tekniku sabiex jirrelata dwar il-valur tal-immobbli occorrendo billi jqis ukoll drittijiet li jista` jkollhom il-partijiet.

Rat ir-relazzjoni li pprezenta l-perit tekniku fit-30 ta` Mejju 2011 u li kienet konfermata bil-gurament fit-30 ta` Settembru 2011.

Rat l-atti li kienu annessi mill-perit tekniku mar-relazzjoni.

Rat in-nota li pprezentaw l-atturi fl-10 ta` Ottubru 2011 fejn talbu l-hatra ta` periti addizzjonali.

Rat in-nota bid-domandi li ghamlu l-atturi ghall-fini tal-eskussjoni tal-perit tekniku.

Rat ir-risposti bil-miktub li pprezenta l-perit tekniku ghal dawn id-domandi.

Semghet ix-xiehda tal-perit tekniku fl-udjenza tal-24 ta` April 2012.

Billi kien hemm insistenza da parti tal-atturi sabiex issir il-hatra ta` periti teknici addizzjonali limitatament sabiex jigi stabbilit, bhala entita` wahda, il-valur tar-razzett komuni bejn il-partijiet u r-raba` ta` mieghu, il-Qorti hatret bhala periti teknici addizzjonali lill-Periti Mario Cassar, Robert Musumeci u Joseph Ellul Vincenti u dan fl-udjenza tat-12 ta` Gunju 2012. Fl-istess udjenza, il-partijiet kollha rregistraw il-qbil taghhom li ghar-rigward tal-immobbli l-ohra huma kienu qeghdin jaccettaw l-istimi li saru mill-Perit Richard Aquilina.

Rat id-digriet taghha tat-3 ta` Settembru 2012 fejn issostitwiet lill-Perit Robert Musumeci bil-Perit Godwin Abela.

Rat ir-relazzjoni li pprezentaw il-periti teknici addizzjonali fil-25 ta` Jannar 2013 u li kienet konfermata bil-gurament fit-18 ta` April 2013.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li skambjaw il-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-30 ta` Settembru 2013.

Rat il-verbal tal-access kondott mill-Qorti stess fit-18 ta` Novembru 2013 fit-3.00 p.m. fil-fond gewwa Haz-Zebbug li dwaru ma hemmx qbil bejn il-partijiet.

Rat id-digriet li tat fit-18 ta` Novembru 2013 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Provi</u>**

**Mill-assjem tal-provi li tressqu, il-Qorti sejra tirreferi <u>biss</u> ghal dawk li huma rilevanti - kif obbligata tqis skond l-<u>Art 558 u 560 tal-Kap 12</u>.**

**<u>L-attrici Philippa Briffa</u>** xehdet illi hi u l-erba` hutha l-ohra, partijiet fil-kawza tal-lum, huma ahwa ; il-genituri taghhom huma mejtin it-tnejn. Din l-attrici pprezentat affidavit li jittratta kwistjonijiet li huma rrilevanti ghal kawza ta` divizjoni bhal ma hija din tal-lum. Fl-affidavit tattakka t-testment tal-genituri ; ghax dak li tghid huwa rrilevanti ghal kawza ta` din ix-xorta, il-Qorti qeghda tiskarta kull riferenza ghal kontestazzjoni tat-testment. Tixhed li l-hames ahwa kienu jiltaqghu ghand l-Av. Joseph Borg.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, Philippa Briffa xehdet illi meta zzewget fl-1988 hija baqghet tghix fid-dar tal-genituri. L-ghamara li kien hemm fid-dar ghadha hemm u thalliet lilha ; nehhiet biss dawk l-affarijiet li marru biz-zmien ; pero` s-siggijiet u l-pultruni antiki baqghu hemm. Irrestawrat ukoll xi ghamara. Fil-

gnien tad-dar, missierha kien izomm xi nghag u moghoz. Il-gnien kien zdingat u hi rrangatu. Id-deheb li kellu missierha baqa` ghandha u seta` jinqasam meta ssir il-qasma. Mistoqsija xi propjeta` kellhom il-genituri, ix-xhud stqarret illi safejn taf hi, kellhom id-dar 50, Triq il-Grazzja, Haz-Zebbug ; razzett li qieghed il-Buskett ; bicca raba li kienet bi qbiela ; u bicca raba ohra maghrufa bhala Ta` Hruf. Kien hemm ukoll ghalqa go Hal Mula, li huwa parti minn Haz-Zebbug. Tiftakar li missierha kien jahdem ukoll xi raba Ta` Gianpula li kienet ghandu bi qbiela ghand Dun Guzepp Caruana ; dan ir-raba` llum dar fuq il-konvenuti. Huha Carmelo joqghod fl-istess dar : pero` huwa hu joqghod fuq ; u hi toqghod isfel ; jidhlu mill-istess bieb.

**L-attrici Agnes D`Anastasi** xehdet illi meta mietu l-genituri, fid-dar taghhom kienu joqghodu ohtha Phyllis Briffa, u z-zija xebba Carmela Caruana. Wara xi tlett snin, kienet se tizzewweg Phyllis u nqalghet kwistjoni dwar il-flus tat-tieg ghaliex hi riedet tehodhom mill-Bank kif kienu ghamlu hutha. Izda huhom Carmelo kienu kontra ; ghalhekk iltaqghu ghand l-avukat u kienu ftehmu li Phyllis tibqa` toqghod fid-dar tal-genituri. Imbaghad huha Josephine u Carmelo kienu tlewmu dwar xi raba. Sa ma kien qed jinqala` dan kollu, hija ma kenitx taf x`kien fih it-testment tal-genituri. Wara xi zmien gabret l-ahhar testment li kien ta` Awissu 1984, u sabet li dak l-ahhar testament, kien differenti mit-testment ta` qabel fis-sens illi l-ghalqa nghatat lil-konvenuta b`legat, u l-eredi l-ohra nghataw Lm 80 kull wiehed. Huma marru kemm –il darba ghand l-Av Joseph Borg biex ighinhom jaqsmu l-wirt.

**L-Av. Joseph Borg** cahad li wara li mietu l-genituri tal-partijiet, l-ahwa kollha kienu kkonsultawh. Ikkonferma li huwa kien xhud tat-testment izda ma kien ta` l-ebda konsult. Kienet marret ghandu Agnes D`Anastasi biex tkellmu dwar kwistjoni ohra, u mhux dwar il-wirt. Cahad li kien ta` xi parir dwar l-ghalqa maghfuga bhala "Ta Prieri" u dwar ir-razzett.

**L-attrici Marianna sive` Miriam Frendo** xehdet illi huma kienu marru jkellmu lill-Av. Joseph Borg id-dar tieghu H`Attard. U kien tahom parir dwar il-wirt. Din l-attrici pprezenta affidavit. Il-Qorti qrat l-affidavit izda billi jirreferi

ghal affarijiet li huma barra mill-mertu ta` din il-kawza, hija sejra tiskarta l-kontenut tieghu ; tal-lum hija kawza ta` divizjoni, mhux ta` impunjazzjoni ta` testment. L-istess sejra taghmel ghar-rigward ta` x-xiehda li hija riportata minn fol 181 sa fol 237 billi tal-lum mhijiex kawza ta` zgumbrament jew ta` rivendika.

Dwar l-immobbli, l-attrici Frendo xehdet illi hemm l-bicca art li hija maghrufa bhala "Hal-Mula" – Dok MF 1 – fejn huwa mmarkat bl-ahdar proprjeta ta` missierha, bl-isfar hemm kawza l-Qorti u bil-blu, dik messet liz-zija. Hemm bicca art maghrufa bhala "Tal-Barrakki" – Dok MF 2 – u r-razzett. Kien hemm zewg bicciet maghrufa bhala "Tar-Remel – Dok MF3 – fejn bicca wahda hija taz-zija Karmena izda jahdimha huha Carmelo, u qabel kien jahdimha missierha, u l-ohra qeghda ghand ohtha Josephine, u qabel ukoll kien jahdimha missierha. Imbaghad hemm bicca art maghrufa "Ta` Plieri" – Dok MF 4 – li mhijiex bi qbiela u li kienet ta` ommha. Hemm zewg bicciet art ohra maghrufa bhala "Ta Gianpula" – Dok MF 5 – li huma t-tnejn bi qbiela. Is-sid ta` wahda minnhom huwa Mark Bonnici Mallia u dik qeghda f`idejn huha Carmelo ; l-ohra hija propjeta` tal-familja Caruana li huma l-kugini ta` ommha, li qeghda f`idejn ohtha Josephine. Il-bicca mmarkata bl-ahdar jahdmuha Carmelo u Josephine u dik mmarkata bl-ahmar jahdimha Carmelo wahdu. Fl-ahhar hemm l-art maghrufa bhala "Tal-Hruf" – Dok MF 6 – li llum jahdimha Carmelo.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, l-attrici Frendo xehdet illi ma tafx min jahdem l-ghelieqi maghrufa bhala "Hal-Mula", u li kienu ndikati fid-denunzija tas-successjoni. Dawn l-artijiet kienu fil-kawza tan-nanniet *Silvestru Agius vs Giuseppe Agius Nru 388/67.* Hija cahdet illi huha Carmelo kien kera l-art "Tal-Hruf" minghand Gaetana Caruana ; dik l-art kienet taz-zija Carmela. Mistoqsija jekk tafx li l-ghalqa Ta` Gianpula kienet saret ta` huha Carmelo ghaliex wiritha minghand Anna Caruana, ix-xhud ikkonfermat li hekk hu ghalkemm dan sehh fi zmien ricenti.

**<u>Il-konvenut Carmelo Agius</u>** xehed illi d-dar 50, Triq il-Grazzja, Haz-Zebbug, kienet parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-genituri. Iz-zewg bicciet art li hemm Hal-Mula kienu jappartjenu lil missieru. Ma ma jafx ghad min qeghdin.

Lanqas jaf min jahdimhom. L-ghalqa ta` San Andrija li qeghda r-Rabat qeghda ghand iz-ziju Ganni, ghaliex din kienet giet ghandu wara divizjoni. Hdejn il-barracks kellhom zewg bicciet art ; bicca kienet ta` missieru ; issa qeghda ghandu, u l-bicca l-ohra li kienet taz-ziju Ganni, giet ghand ohtu Josephine. L-ghalqa maghrufa bhala "Tar-Ramel" qeghda ghand Guzi Caruana, li huwa l-kugin tieghu. L-genituri tieghu kienu taw l-ghalqa "Ta` Prieri" lil ohtu Josephine. L-ghalqa sitwata go Ta` Gianpula qeghda ghandu bi qbiela. Din kienet ta` missieru u ta lilu qabel miet ; l-ghalqa fiha madwar 22 tomna.

Fil-**kontroezami** Carmelo Agius xehed illi minbarra t-tlett bicciet art li semma ma kien hemm xejn aktar tal-genituri tieghu hlief d-dar ta` Haz-Zabbar, l-ghalqa "Ta Prieri" u r-razzett tal-Barrakki. Missieru ma kellux art maghrufa bhala "Hal-Mula". L-art li missieru kellu bi qbiela kien jahdimha mieghu u meta missieru ma baqax jiflah kien cediha lilu. Il-flus tal-bank inqasmu.

**Ikkunsidrat :**

**III. Sottomissjonijiet**

**Fil-qosor**, dwar it-tieni eccezzjoni, **l-atturi** jissottomettu li l-preskrizzjoni akkwizittiva ma gietx ippruvata mhux biss ghaliex ma kienx hemm buona fede da part ital-konvenuti, izda ghaliex skond l-Art 2140(2) tal-Kap 16, l-ghaxar snin jibdew jiddekorru mid-data meta l-akkwisit ikun registrat fir-Registru Pubbliku. Billi dan baqa` ma sarx, il-preskrizzjoni ma kenitx bdiet tiddekorri. Sostnew illi hija nfondata l-pretensjoni tal-konvenuti illi l-legati mhollija lilhom ma jinghaddewx mal-assi li ghandhom jigu divizi.

Dwar it-tielet eccezzjoni, l-atturi jissottomettu li d-dar 50, Triq il-Grazzja, Haz-Zebbug, kellha tigi stmata b`mod diviz fis-sens illi l-parti ta` fuq u l-parti ta`

isfel jigu stmati separatament. L-istess kellu jsir ghall-gjardina li hemm fuq in-naha ta` wara. Sostnew li kien jispetta lill-Qorti illi tara jekk kellhiex issir id-divizjoni ladarba l-konvenut Carmelo Abela ma kienx ottempera ruhu ma` li kien ighid it-testment u cioe` li jghaddi tletin tuzzana laring fis-sena lill-werrieta l-ohra. Dwar il-porzjonijiet ta` l-art ta` Hal-Mula ma kienx hemm lok ta` qasma. L-ghalqa Tal-Barrakki inkluz ir-razzett thalliet lil Carmelo Agius, akkont ta` sehmu u ghalhekk din kellha tigi stmata. L-atturi jaccettaw ukoll li l-ghalqa Tar-Ramel ma kellhiex tifforma parti mid-divizjoni ; l-istess ighodd ghas-sehem ta` 1/8 sehem tal-ghalqa Tal-Barrakki billi dwar din kien hemm kawza pendenti. Dwar ir-raba` Tal-Plieri, din kienet proprjeta parafernali ta` ommhom u ghalhekk kellha tigi stmata sabiex jigi stabbilit il-valur tal-legittima spettanti lil ulied Antonia Agius nee Caruana. Dwar il-bicca art maghrufa bhala "Ta Gianpula", stante li Carmelo Agius ghandu l-qbiela fuqha, id-dritt ta` l-qbiela kellu jigi stmat u inkluz fid-divizjoni ; l-istess ighodd ghall-art maghrufa bhala Tal-Hruf.

Dwar l-mobbli, l-atturi jirrilevaw illi l-ghamara fil-pjan terran thallew lill-attrici Phyllis Briffa. Kien hemm tractor li kien jiswa Lm 2,000, li ttiehed minn Carmelo Agius, li ha wkoll tuzzana barrin, madwar sitt naghgiet u mitejn tigiega. L-atturi jikkontestaw illi dawn tahomlu l-missier meta kien ghadu haj.

<u>**Fil-qosor**</u>, fis-sottomissjonijiet taghhom, <u>**il-konvenuti**</u> jikkonfermaw illi l-assi li ghandhom jinqasmu bejn l-partijiet ma ghandhomx jinkludu dawk li thallew b`legat. Ghalhekk il-legat tal-ghalqa Tal-Plieri, imholli lil Josephine Calleja, u l-legat tar-razzett Ta` Barrakki imholli lil Carmelo Agius m`ghandhomx jaghmlu parti mill-assi in divizjoni.

Dwar l-Art 2140(1) tal-Kap 16, il-konvenuti jirrilevaw illi huma kienu ilhom fil-pussess ta` l-proprjeta ghal izjed minn ghaxar snin bejn id-data tal-mewt tal-genituri taghhom u d-data tal-presentata tac-citazzjoni. Ghar-rigward tal-ghalqa Tal-Plieri li thalliet lil Josephine Calleja, ma kien hemm qatt interruzzjoni tal-preskrizzjoni permezz ta` att gudizzjarju ; min-naha taghha hija kienet hallset lil

kull wiehed mill-atturi s-somma ta` Lm 80 skond it-testment. Carmelo Agius kien ilu fil-pussess tar-razzett Ta` Barrakki bil-bicca raba mieghu mill-1977.

Dwar l-immobbli, kien rilevat illi l-gardina li hemm wara d-dar 50, Triq il-Grazzja, Haz-Zebbug, hija fabbrikabbli u ghalhekk tista` tinqasam. Il-pretensjoni tal-atturi li hemm dritt ta` legittima fuq il-wirt ta` ommhom hija nsostenibbli ghaliex huma diga` accettaw il-wirt meta inqasmu l-flus tal-wirt, u ghalhekk ma setghu jipprete tal-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk issa ma setghetx tigi reklamata legittima. Ir-raba` Ta` Gianpula ma kienx parti mill-wirt ghaliex huwa proprjeta tal-familja Bonnici Mallia u kien imqabbel lil Carmelo Agius.

Dwar il-mobbli, Carmelo Agius cahad li l-missier kellu tractor. It-tractor li ghandu Carmelo Agius huwa tieghu ghax xtrah hu. Kienet kontestata l-pretensjoni attrici dwar il-barrin u t-tigieg fis-sens li l-missier ma kellux dawk l-annimali u t-tjur. Dwar id-deheb, skond it-testment, id-deheb tal-missier kellu jmur ghand Carmelo Agius, waqt li d-deheb tal-omm kellu jinqasam indaqs bejn l-erba` bniet.

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>L-immobbli</u>**

**1) <u>Deskrizzjoni</u>**

Skond is-sentenza ta` din il-Qorti (diversament presjeduta) tat-28 ta` Frar 2007, l-immobbli li jaghmlu parti mid-divizjoni huma : a) l-ghalqa Tal-Barrakki li tinkludi r-razzett ; u b) id-dar 50 (illum 117) Triq il-Grazzja, Zebbug.

Fir-relazzjoni tal-perit tekniku Perit Richard Aquilina, hemm deskrizzjoni tar-razzett u ghalqa Tal-Barrakki, Triq il-Buskett, Haz-Zebbug a fol 16 u a fol 19 sa 20 tal-process.

Fl-istess relazzjoni, hemm **deskrizzjoni generali** tad-dar 117 (gia` 50), Triq il-Grazzja, Haz-Zebbug, a fol 21 u 22 tal-process.

Il-perit tekniku mbaghad jiddeskrivi **wahdu** t-terran tal-fond 117, Triq il-Grazzja, Haz-Zebbug, a fol 23 li huwa okkupat mill-attrici Philippa Briffa.

Jiddeskrivi wkoll **wahdu** l-mezzanin sitwat fil-fond 117, Triq il-Grazzja, Haz-Zebbug, a fol 24 li huwa okkupat mill-konvenut Carmelo Agius.

Fir-relazzjoni hemm ukoll deskrizzjoni tal-art retrostanti d-dar 117, Triq il-Grazzja, Haz-Zebbug, a fol 25.

**2) Stimi tal-Perit Richard Aquilina**

Quddiem il-perit tekniku, **l-atturi** rrilevaw illi ghar-rigward tad-dar illum 117 (qabel 50) Triq il-Grazzja, Haz-Zebbug, il-partijiet kienu qasmu l-uzu taghha ghalkemm ghad-dar kien hemm biss dhul wiehed. Skond it-tieni testment, Carmelo Agius kien inghata d-dritt li jekk irid ikun jista` izid mezzanin sabiex jghix fih u dan akkont ta` sehmu. Dwar l-ghalqa Tal-Barrakki u r-razzett

sitwati fi Triq il-Buskett, Haz-Zebbug, l-atturi rrilevaw li r-razzett kien thalla lil Carmelo Agius bhala akkont ta` sehmu ; kienu tal-fehma li l-valur tal-fond kellu jkun stmat b`mod li jiehu kont tal-fatt li r-razzett u r-raba` kienu licenzjati ghat-trobbija tal-annimali. Min-naha taghhom, il-konvenuti accettaw illi d-dar kellha dhul wiehed u ghalhekk kellha titqies bhala entita` wahda meta tigi ghall-qasma. Skond il-konvenuti, id-dar minghajr l-art retroposta ikollha valur aktar gholi. Ghalhekk id-dar kellha tigi valutata separatament mill-art ta` warajha. Dwar l-ghalqa bir-razzett, il-konvenuti rrilevaw illi r-razzett kien jinsab go ODZ u ghalhekk ma setghu jsiru xogholijiet strutturali.

Fir-relazzjoni tieghu, il-perit tekniku stima l-valur tar-razzett Tal-Barrakki flimkien mar-raba` retrostanti (kejl ta` 741 m.k.) fl-ammont ta` **<u>€150,000</u>**.

Il-perit tekniku stima l-valur tat-terran sitwat fil-fond 117, Triq il-Grazzja, Haz-Zebbug, fl-ammont ta` **<u>€209,610</u>**.

Il-perit tekniku stima l-valur tal-mezzanin sitwat fl-istess fond 117, Triq il-Grazzja, Haz-Zebbug, fl-ammont ta` **<u>€139,740</u>**.

Ghar-rigward tal-art retroposta ghall-fond 117, Triq il-Grazzja, ?Haz-Zebbug, tal-kejl ta` 753 m.k., il-perit tekniku sab li hemm jista` jsir zvilupp bil-bini ta` tmintax (18) -il flat, sitt (6) semi-basements, sitt (6) penthouses u madwar tletin (30) garage. Il-valur ta` din l-art kienet stmat fl-ammont ta` **<u>€1,537,140</u>**.

**3) <u>L-eskussjoni tal-perit tekniku</u>**

Filwaqt illi l-konvenut Carmelo Agius rrimetta ruhu ghar-rapport peritali, l-atturi talbu li jeskutu lill-perit tekniku u ssottomettew numru ta` domandi ghal dan l-iskop.

Fir-risposti tieghu, il-perit tekniku stqarr illi li kieku d-dar 117, Triq il-Grazzja, Haz-Zebbug, kellha tinbiegh bhala <u>entita` wahda</u> jkollha valur ta` <u>**€582,250**</u>.

Fil-fehma tal-perit tekniku, ikun aktar vantaggjuz ghall-partijiet illi l-gjardina fuq wara titqies separata mid-dar u tinbiegh separatament.

Mistoqsi ghaliex huwa ma vvalutax r-razzett bl-istess mod li vvaluta l-gjardina, sabiex ikun jista` jsir zvilupp, il-perit tekniku wiegeb illi fuq parti mir-razzett kien hemm *enforcement notice* ; l-aktar li seta` jsir fis-sit kienu xi modifikazzjonijiet billi s-sit kien ODZ. Il-valur li ndika ghar-razzett kien jiehu kont tal-fatt illi r-razzett kellu bzonn hafna xoghol ta` tiswija u allura kien hemm spejjez involuti.

Mistoqsi dwar l-valur tal-art ta` wara d-dar 117, Triq il-Grazzja, Haz-Zebbug, il-perit tekniku ppreciza illi hu stabilixxa valur tal-art *per se* mhux ta` kemm jigi jiswa` zvilupp.

Ghar-rigward tar-razzett, il-perit stqarr illi l-mahzen ta` go fih kien kontra l-ligi. Li kieku kellu jitnehha l-mahzen, ikun hemm lok ghal *sanctioning* u l-post jigi *in order*. Il-valur tar-razzett li ndika kien minghajr il-mahzen.

**4) Ir-relazzjoni tal-periti teknici addizzjonali**

Il-Qorti akkordat it-talba tal-atturi ghall-hatra ta` periti teknici addizzjonali. Kienu mahtura l-Periti Mario Cassar, Joseph Ellul Vincenti u Godwin Abela.

**L-inkariku tal-periti addizzjonali kien limitat ghal stima ta` l-valur tar-razzett u tar-raba` ta` mieghu bhala entita` wahda.**

**Il-partijiet irrimettew ruhhom ghall-stimi tal-immobbli l-ohra hekk kif rrelata l-Perit Richard Aquilina.**

**Fir-relazzjoni taghhom, il-periti waslu ghal valur ta` €280,000 ghar-ragunijiet li ndikaw.**

**Ikkunsidrat :**

**V. Sottomissjonijiet ulterjuri**

Fis-sottomissjonijiet taghha, il-konvenuta **Josephine Calleja** rrilevat illi bhala effett tas-sentenza tat-28 ta` Frar 2007, kien ikkonfermat illi l-art Tal-Plieri thalliet lilha b`legat, u ghalhekk dak il-laxxitu ma kellux jitqies bhala

akkont ta` sehemha mill-assi in divizjoni, ghad-differenza ta` dak li mess lill-konvenut Carmelo Agius fis-sens li tieghu kien jaghmel parti mill-assi in divizjoni u allura kien jikkostitwixxi akkont ta` sehmu.

Skond il-konvenuta Calleja, il-kwistjoni kollha tal-kawza kienet iddur fuq x`kien jikkostitwixxi sehem il-konvenut Agius. Saret riferenza kemm ghat-Tmien Artikolu tat-testment tal-14 ta` Dicembru 1975 u ghar-Raba` Artikolu tat-testment tal-1 ta` Awissu 1984. Minn dawn id-disposizzjonijiet testamentarji, kien jirrizulta li Carmelo Agius inghata l-dritt li jaghzel li jiehu bhala akkont ta` sehmu, ir-razzett u r-raba` Tal-Barrakki u/jew il-mezzanin sitwat fil-fond 117, Triq il-Grazzja, Haz-Zebbug. Il-problema holoqha Carmelo Agius ghaliex ippretenda li kellu jedd kemm ghar-razzett bir-raba` u kif ukoll ghall-mezzanin.

Ghar-rigward tad-dar 117, skond kif irrizulta mir-rapport tal-Perit Richard Aquilina, kien jaghmel aktar sens finanzjarjament sens illi l-proprjeta` tigi konsiderata bhala entita` shiha.

Apparti dawn il-konsiderazzjonijiet, ma kien hemm xejn xi jzomm lil Carmelo Agius li jiehu kemm il-mezzanin kif ukoll ir-razzett bir-raba`, dment li jikkompensa adegwatament lill-erba` hutu, bhalu eredi tal-genituri taghhom.

Sostniet li l-intenzjoni tat-testatur kellha tigi rispettata (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-1 ta` Ottubru 2004 fil-kawza "**Constantino Muscat et vs Nazzareno Muscat et**"

Fis-sottomissjonijiet tal-atturi, riferibbilment ghall-kwistjoni strettament mertu tal-kawza, kien rilevat mill-attrici **Philippa Briffa** illi kienet lesta li tirrilaxxja l-ambjent fejn hija toqghod fid-dar 117 jekk ikun hemm qasma.

Min-naha tieghu, il-konvenut **Carmelo Agius** sostna li l-fond 117, Triq il-Grazzja, Haz-Zebbug, ma kellux jitqies bhala entita` wahda billi kien ilu ghal snin twal maqsum f`terran u mezzanin. Ghalhekk il-Qorti kellha tmexxi fuq il-valuri stmati mill-Perit Richard Aquilina. Il-fond seta` jinqasam kif huwa evidenti li kellu f`mohhu l-perit tekniku meta hareg bi stimi separati ghat-terran, ghall-mezzanin u ghall-art retroposta. Il-fatt li l-access ghat-terran u ghall-mezzanin kien minn dhul wiehed ma jfissirx li l-fond ma setax ikun diviz.

Il-konvenut Agius irrileva li skond l-istimi tal-periti, l-immobbli in divizjoni kellhom valur totali ta` €2,165,880. Ghalhekk kull eredi kellu jircievi €433,176. Fejn jirrigwarda lilu huwa seta` jiehu r-razzett u r-raba` ta` mieghu, flimkien mal-mezzanin, bhala akkont ta` sehmu mill-wirt, u jibqaghlu jiehu €13,436.

Irrileva inoltre li huwa qatt ma oppona qasma bonarja tal-wirt u ghalhekk ma kellux ibati spejjez.

**Ikkunsidrat :**

**VI. Ir-relazzjonijiet teknici jikkostitwixxu prova**

**Il-kostatazzjonijiet, konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet ta` natura teknika li jsiru minn perit mahtur mill-Qorti jikkostitwixxu prova importanti ghall-gudikant biex ikun jista` jasal ghad-decizjoni tieghu.**

Fis-sentenza taghha tad-19 ta\` Novembru 2001 fil-kawza "**<u>Calleja vs Mifsud</u>**", il-Qorti ta\` l-Appell irriteniet li –

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta\` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti . Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero\` huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta\` l-espert nominat mill-Qorti bili l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikorsta\` l-apell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta\` natura teknika li ma setaxjigiepurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta\` espert in materja. B\` danakollu dan ma jfissrix illi l-qorti ma kellhiex thares b\` lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta\` natura teknika.*

In linea ta\` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzzjonijiet ta\` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (*dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*), fl-istess waqt , dak ma jfissirx li "*qorti dan tista\` taghmlu b\` mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunjiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b\` ragunijiet li ma ghandhomx ikun privi mill-konsiderazzjoni ta\` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami.*" (ara – "**<u>Grima vs Mamo et noe</u>**" –Qorti ta\` l-Appell – 29 ta\` Mejju 1998).

Ghalhekk, "*qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta\` tali relazzjoni ma kenitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero\` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.*" (**"<u>Cauchi vs Mercieca</u>"** – Qorti ta\` l-Appell – 6 ta\` Ottubru 1999 ; **"<u>Saliba vs Farrugia</u>"** – Qorti ta\` l-Appell – 28 ta\` Jannar 2000 ;

"**Tabone vs Tabone et**" – Qorti tal-Appell – 5 ta` Ottubru 2001 ; "**Calleja noe vs Mifsud**" – op. cit. - `**Attard vs Tedesco et**` - Qorti tal-Appell – 1 ta` Gunju 2007 ; u "**Poll & Spa Supplies Ltd vs Mamo et**" (Qorti tal-Appell Inferjuri – 12 ta` Dicembru 2008).).

**Ikkunsidrat :**

**VII. Dritt**

Il-Qorti sejra tirreferi ghal disposizzjonijiet tal-Kodici Civili li tqis rilevanti ghall-kaz tal-lum.

**L-Art 721 tal-Kap 16** jaqra hekk :-

*(1) Kull legat pur u sempliċi jagħti lil-legatarju, minn dak in-nhar tal-mewt tat-testatur, jedd, li jista` jgħaddi għall-werrieta tal-istess legatarju, jew għal dawk li l-jeddijiet tagħhom ġejjin minnu, li jirċievi l-ħaġa mħollija lilu bil-legat.*

*(2) Il-legat magħmul taħt kondizzjoni ma jagħtix lil-legatarju dak il-jedd qabel ma tiġri l-kondizzjoni.*

**L-Art 723 tal-Kap 16** ighid :-

*Jekk il-jedd tal-għażla jkun imħolli f`idejn il-legatarju, dan jista` jagħżel l-aħjar ħaġa ta` dak il-gens jew ta` dik l-ispeċi li jkun hemm fil-wirt: iżda jekk fil-wirt ma jkun hemm ebda waħda, hu ma jistax jagħżel waħda tal-aħjar kwalità.*

**L-Art 734 tal-Kap 16** jistipola :-

*(1) Meta fost żewġ werrieta jew iżjed ebda wieħed minnhom ma jkun ġie partikolarment obbligat mit-testatur għall- ħlas tal-legat, il-werrieta kollha huma obbligati għall-ħlas tiegħu, kull wieħed skont is-sehem li jkun imissu fil-wirt.*

*(2) Huma wkoll obbligati għall-ħlas tal-legat kollu, sal-valur ta` immobbli tal-wirt li jkollhom f`idejhom.*

**L-Art 515 tal-Kap 16** jistabilixxi :-

*(1) Meta l-beni in komun ma jistgħux jiġu maqsuma bla xkiel u bla ħsara, u ma tistax issir tpattija b`beni oħra in komun ta` xorta differenti iżda tal-istess valur, dawk il-beni jiġu mibjugħa b`liċitazzjoni sabiex jinqasam il-prezz tagħhom.*

*(2) L-istess isir jekk, f`qasam ta` beni in komun, ikun hemm xi beni illi ebda waħda mill-partijiet li jkunu qegħdin jaqsmu ma tkun tista` jew trid tieħu.*

**Ikkunsidrat :**

**VIII. Gurisprudenza**

Fis-sentenza taghha tat-3 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**<u>Deguara vs Calleja et</u>**", din il-Qorti (**<u>PA/PS</u>**) sostniet illi f`materja ta` divizjoni ta` beni komuni, hemm regoli bazici li ghandhom jigu osservati :

*I. Il-kondividendi ghandhom dritt jiehdu sehemhom mill-hwejjeg komuni in natura ;*

*II. Mill-qasma jehtieg li titnissel ripartizzjoni ugwali ;*

*III. Wiehed ghandu jirrikorri ghal-licitazzjoni bhala rimedju straordinarju u eccezzjonali meta d-divizjoni ma tistax issir komodament u minghajr hsara jew pregudizzju ghall-kondividendi ;*

*IV. Fid-divizjoni ta' assi ereditarji jridu jingiebu fil-qasma dak kollu li jidhol f'dawk l-assi. Dan skond il-principju illi "judex familiae erciscundae nihil debet indivisum relinquere".*

Fis-sentenza taghha tal-25 ta` Settembru 2003 fil-kawza "**<u>Grech et vs Grech et</u>**", din il-Qorti (**<u>PA/JRM</u>**) qalet hekk dwar il-licitazzjoni –

*"It-talba sabiex gid immobbli mizmum minn ghadd ta' sidien jinbiegh b'licitazzjoni, trid titqies fid-dawl tal-principji ewlenin li jsawru l-istitut tal-ligi li titkellem dwar gid komuni. Fost dawn il-principji hemm dak li kull wiehed mis-sidien ta' haga komuni ghandu l-jedd li jiehu s-sehem tieghu tal-gid in natura, u l-principju l-iehor li hadd ma jista' jigi mgieghel jibqa' jzomm haga flimkien ma' haddiehor. Ghalhekk, meta ssir il-qasma, r-regola hija li kull wiehed mis-sidien jiehu (skond is-sehem tieghu) bizzejjed mill-gid komuni fil-kwalita' li dak il-gid ikollu fil-waqt tal-qasma. Dan igib mieghu l-effett li l-licitazzjoni hija l-eccezzjoni ghar-regola, u tikkwalifika bhala rimedju straordinarju fil-konfront tar-rimedju ordinarju tal-qasma in natura. Kemm hu hekk, l-artikolu 515 tal-Kap 16 ifisser f'liema cirkostanzi ghandha ssir ;*

*Huwa possibbli li ssir il-qasma in natura wkoll fejn l-ishma ma jkunux daqsinsew. Madankollu, jekk biex jitharsu l-principji fuq imsemmija l-qasma tal-hwejjeg komuni tkun qeghda ssir biss fid-dieher u tkun mghobbija b'soluzzjonijiet*

*imgebbda, bhal, per ezempju, ekwiparazzjonijiet qawwija, f'dan il-kaz ikun ghaqli li ssir il-licitazzjoni u tkun qeghda tithares il-ligi fil-kelma u l-ispirtu taghha jekk l-eccezzjoni teghleb lill-principju. Daqstant iehor irid jinghad li l-ligi ma tridx li, biex issir il-qasma, min ikun jifred il-fondi fi bcejjec jew johloq fuqhom servitujiet. F'kaz bhal dan, jidher xieraq li ssir il-licitazzjoni ;*

*Huwa mghallem ukoll f'dan il-qasam li ma tistax issir il-licitazzjoni ta' gid immobbiljari wiehed jekk is-sidien ikunu jzommu bejniethom gid komuni iehor. M'huwiex imholli lis-sidien komuni li jwettqu process spezzettat tal-qasma ta' gidhom komuni, bhalma lanqas huwa moghti (ghaliex intempestiva) li ssir talba ghal-licitazzjoni ta' post li jaghmel bicca minn wirt li ghadu ma giex likwidat ;*

*Ghandu jibqa' dejjem meqjus li l-licitazzjoni ssir inevitabbli biss fejn il-gid komuni ma jkunx jista' jinqasam minghajr xkiel jew fejn ikun hemm xi gid li l-ebda wahda mill-partijiet ma tkun tista' jew tkun trid tiehu ghandha. Fuq kollox, il-fondi li jistghu jinbieghu b'licitazzjoni jridu jkunu tassew ma jistghux jinqasmu bla xkiel min-natura u l-bixra taghhom, u mhux ghaliex imqeghda f'dak l-istat minhabba xi twahhid artificjali jew bidliet strutturali li jisnaturaw l-istess fondi ;*

*Inghad li l-kliem "bla xkiel" fil-ligi jfissru bhala "minghajr ma ssir hsara lill-interessi ta' dawk li qeghdin jaqsmu", filwaqt li "bla hsara" jfissru "minghajr ma jkun hemm tnaqqis fil-valur tal-gid bil-qasma tieghu". L-applikazzjoni ta' tali kriterji f'dan ir-rigward hija wahda ta' fatt. Il-kwestjoni ghalhekk dwar jekk ghandhiex tigi ordnata l-licitazzjoni bhala mezz estrem biex wiehed johrog mill-komunjoni, minflok ir-rimedju ordinarju tad-divizjoni, tirriduci ruhha f'jekk il-qasma materjali hijiex possibbli fil-limiti hawn fuq imfissra ;*

*Huwa accettat ukoll li t-talba ghall-qasma timplika fiha wkoll talba ghal-licitazzjoni meta johrog li l-gid komuni ma jistax jinqasam minghajr xkiel u hsara. B'mod partikolari, l-Qorti ghandha s-setgha li tordna l-licitazzjoni meta tkun intalbet il-qasma, kif ukoll tista' tordna l-qasma minkejja tkun intalbet il-licitazzjoni, u dan ghaliex il-licitazzjoni m'hijiex ghajr modus divisionis."*

Fis-sentenza taghha tas-26 ta` Ottubru 2011 fil-kawza "**<u>Nicholas Scicluna et vs Nicholas Bonello et</u>**" din il-Qorti (**<u>PA/LFS</u>**) issenjalat il-principji tad-dritt li ghandhom rilevanza ghall-kaz tal-lum. Il-Qorti qalet hekk :-

*Illi f`Ellul vs Coleiro deciza mill-Qorti ta` l-Appell fis-6 ta` April 1959 fejn gie ritenut li : " … huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza taghha l-aktar ricenti illi, biex jitlob il-likwidazzjoni ta` wirt li hija preordinata ghad-divizjoni, huwa mehtieg li l-attur ikun werriet jew ghall-anqas legittimarju …"*

*Fil-kawza Grech Carmelo vs Dr. Tonio Azzopardi deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fit-28 ta` Jannar 2005 intqal : "Illi l-kwistjoni tal-bejgh b`licitazzjoni, meta wiehed mis-sidien tal-fond ma jridx jibqa` aktar bi shab ma ohrajn, hija regolata bl-Artikoli 515 sa 523 tal-Kodici Civili. Illi skond l-Artikolu 518(1), meta l-komproprjetarji kollha jaqblu dwar bejgh b`licitazzjoni, ma hija mehtiega l-ebda formalita, u tista` ssir bil-mezz li l-komproprjetarji jiftehmu. Izda, meta ma jkunx hemm qbil bejn il-komproprjetarji kollha, l-ghazla ta` liema procedura ghandha tigi esegwita hija mhollija f`idejn il-Qorti.*

*Huwa stipulat ukoll fl-Artikolu 516 li : "Meta hemm lok ghal licitazzjoni, din tista` tigi mitluba minn kull wiehed mill-komproprjetarji, ikun kemm ikun sehmu fil-haga". Grech v G. Zammit - Appell Civili 15.07.69, Giovanni Bugeja v Prof. Don P. P. Saydon (25.02.1946) Vol 32 p.l p.368, u - Kurunell Stephen Borg noe v AIC Gustavo Romeo Vincenti - App Civ. 29.03.1957 .*

*Illi t-talba sabiex fond mizmum minn ghadd ta` sidien jinbiegh b`licitazzjoni, trid tigi ezaminata skond il-principji elenkati fil-ligi li jirregolaw il-qasma tal-beni in komun. F`dan il-kuntest, ta` min isemmi l-Artikolu 502 tal-Kap 16 li jtenni li: "Kull wiehed mill-komproprjetarji ghandu jedd jiehu s-sehem tieghu tal-beni in natura". Purche` li dan jista` jsir "bla xkiel u minghajr hsara" skond l-Artikolu 501(2) tal-Kap 16. Principju iehor jitnissel mill-Artikolu 496 tal-Kodici Civili fejn jinghad li : "Hadd ma jista` jkun imgieghel jibqa` fil-komunjoni, kull wiehed mill-komproprjetarji jista` dejjem, ghad li jkun hemm ftehim xort` ohra, jitlob il-qasma, kemm-il darba ma jkunx hemm b`testment li din il-qasma m`ghandhiex issir … "*

*F`dan il-kuntest, ta` min ighid ukoll, li l-licitazzjoni hija l-eccezzjoni ghar-regola u tikkwalifika bhala rimedju straordinarju. Fis-sentenza Rita Grech et vs Giuseppe Zammit et deciza mill-Appell Civili fil-15 ta` Lulju 1969, inghad li : " il-licitazzjoni tibqa` rimedju straordinarju u eccezzjonali hafna u konsentita biss meta d-divizjoni ma tistax issir komodament u minghajr hsara, ossija minghajr pregudizzju tal-kondividendi". Illi l-Artikolu 515 tal-Kodici Civili jfisser f`liema*

*cirkostanzi ghandha ssir bejgh b`licitazzjoni u hu specifikament imsemmi, "Meta l-beni in komun ma jistghux jigu maqsuma bla xkiel u bla hsara,..." Illi huwa importanti hafna li jigi ezaminat jekk l-immobbli hux komodament divizibbli jew le. Huwa minnu li l-kondividendi ghandhom dritt jikkonsegwixxu s-sehem taghhom in natura.*

*Kif inghad f`Giuseppe Galea et vs Jessie Borg deciza mill-Qorti Civili Prim`Awla, fit-28 ta` April 2003 : "Dan id-dispositiv, (li jezisti fl-Artikolu 502) s`intendi jrid jigi ko-ordinat mad-dispositiv l-iehor li jipprovdi li biex issir il-qasma materjali, hemm bzonn li l-fond ikun komodament divizibbli u bla diskapitu (Artikolu 515 tal-Kapitolu 16)."*

*Fil-kawza Giuseppe Zammit vs Ludgarda Grech deciza mill-Prim`Awla fit-8 ta` Marzu, 1983 intqal: "Meta beni komuni jistghu jigu divizi bejn il-komproprjetarji, it-terminazzjoni tal-komunjoni ghandha ssir bil-mezz tad-divizjoni. Jekk il-beni in komuni ma jistghux jigu maqsuma komodament u bla diskapitu, dawn il-beni ghandhom jigu mibjugha b`licitazzjoni sabiex jinqasam il-prezz taghhom". F`dan l-istess kaz, giet ikkwotata, Speranza Vella vs Antonio Sciberras noe deciza mill-Prim Awla Qorti Civili fis-6 ta` Marzu 1948, fejn gie ritenut li: "meta l-beni ma jistghux jinqasmu komodament minghajr ekwiparazzjonijiet esagerati u sproporzjonati, ghandhom jigu licitati".*

*Fil-kawza fl-ismijiet Herbert Conti vs George Tonna deciza mill-Prim`Awla fl-24 ta` Marzu, 1983 intqal: "Mill-banda l-ohra l-artikolu 552 tal-Kodici Civili jipprovdi li jekk il-beni in komun ma jkunux jistghu jigu maqsuma bla xkiel u bla hsara, u ma tkunx tista` issir tpattija b`beni ohra in komun ta` xorta differenti, izda ta` l-istess valur, dawn il-beni jigu mibjugha b`licitazzjoni sabiex jinqasam il-prezz taghhom." Ara wkoll Edwards Major Joseph vs Cuschieri Dr. Leslie et deciza mill-Prim`Awla fit 22 ta` Jannar 1999.*

*Illi l-kwistjoni tal-bejgh b`licitazzjoni, meta wiehed mis-sidien tal-fond ma jridx jibqa` aktar bi shab ma` ohrajn, hija regolata bl-Artikolu 515 sa 523 tal-Kodici Civili. Illi skond l-Artikolu 518 (1), meta l-komproprjetarji kollha jaqblu dwar bejgh b`licitazzjoni, ma hija mehtiega l-ebda formalita`, u tista` ssir bil-mezz li l-komproprjetarji jiftehmu. Izda, meta ma jkunx hemm qbil bejn il-komproprjetarji kollha, l-ghazla ta` liema procedura ghandha tigi segwita hija mhollija f`idejn il-Qorti.*

**Ikkunsidrat :**

**IX. Risultanzi**

**Bhala konsegwenza tas-sentenzi li tat din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta` April 2003 u fit-28 ta` Frar 2007 fil-kawza tal-lum :-**

**a) kienet milqugha l-ewwel eccezzjoni ;**
**b) michuda l-ewwel talba ;**
**c) milqugha t-tieni talba ; u**
**d) kien dikjarat illi l-assi in divizjoni kienu :**
**i) l-ghalqa tal-Barrakki li tinkludi razzett ;**
**ii) id-dar 50, Triq il-Grazzja, Zebbug ;**
**iii) il-konfratija ; u**
**iv) id-deheb.**

**Il-Qorti sejra tqis issa it-tielet, ir-raba`, il-hames, is-sitt, is-seba` u t-tmien talbiet attrici.**

Il-Qorti tirreferi ghal xi disposizzjonijiet tat-testment tal-14 ta` Dicembru 1975 fl-atti tan-Nutar Dottor George Bonello Du Puis (Dok E) :-

Artikolu 6 :-

*"Jridu u jordnaw li fid-divizjoni tal-assi taghhom binthom Giuseppa Agius jkollha dritt tiehu akkont ta` sehemha r-raba` imsejjah tal-Plieri limiti tar-Rabat tal-kejl ta` circa sittax il-sieh – liema raba` huwa ta` proprjeta parafernali tat-testatrici."*

Artikolu 8 :-

*"Jridu u jordnaw li fid-divizjoni tal-assi taghhom binhom Carmelo Agius jkollu d-dritt jiehu akkont ta` sehmu r-razzett b`bicca raba` mieghu Haz-Zebbug, Buskett Road, imsejjah Tal-Barrakki – proprjeta parafernali li t-testatur li ghad irid jigi assenjat lilu mid-divizjoni tal-genituri tieghu."*

Artikolu 9 :-

*"Jinnominaw u jistitwixxu b`eredi universali taghhom fi kwoti indaqs bejniethom lil uliedhom Carmelo, Marianna mart George Frendo, Giuseppa, Agnese u Filippa sive Phyllis ahwa Agius bis-sostituzzjoni volgari u in mankanza bid-dritt tal-akkreximent bejniethom."*

Il-Qorti tirreferi ghal xi disposizzjonijiet tat-testment tal-11 ta` Awissu 1984 fl-atti tan-Nutar Dottor George Bonello Du Puis (Dok F) :-

Artikolu 2 :-

*"B`titolu ta` legat konsegwibbli wara l-mewt tas-superstiti fosthom it-testaturi jhallu lil binthom Filippa sive Phyllis u lil Carmela Caruana, oht it-testatrici, konguntament u successivament u diment li jibqghu xebbiet – l-uzu u l-uzufrutt ta` parti mid-dar Haz-Zebbug, Grace Street, numru hamsin (50), konsistenti fi pjan terran fuq in-naha tax-xellug inti u diehel, bil-komunjoni tal-entrata u tal-bitha."*

Artikolu 4 :-

*"It-testaturi jridu u jordnaw li l-mezzanin mibni minnhom fuq it-terran fuq imsemmi u li fil-prezent qed jabita fih binhom Carmelo ghandu jekk dana*

*Carmelo jkun irid jigi assenjat lilu akkont ta` sehmu fid-divizjoni tal-assi taghhom u jridu wkoll li l-gardina wara darhom jibqa` jiehu hsiebha binhom Carmelo u Leonardo Calleja, zewg binthom, akkont taghhom proprju minghajr obbligu ta` rendikont lill-werrieta pero` bl-obbligu li jaghtuhom tletin tuzzana laring kull wiehed fis-sena."*

Artikolu 5 :-

*"It-testaturi jhallu lil binthom Giuseppa Calleja l-ghalqa Tal-Plieri limiti tar-Rabat tal-kejl ta` circa sittax-il siegh bil-obbligu li din thallas tmenin lira (Lm 80) lil kull wiehed mill-eredi l-ohra."*

Fin-nota tal-eccezzjonijiet, il-konvenuti mhux qeghdin jopponu l-qasma.

Il-Qorti sejra tghaddi ghad-divizjoni tal-assi ereditarji tal-genituri tal-partijiet billi tqis mhux biss id-disposizzjonijiet testamentarji izda wkoll dak deciz precedentement minn din il-Qorti fil-kawza tal-lum.

Il-Qorti tosserva kemm mit-talbiet attrici, kif ukoll minn dak dikjarat bil-gurament mill-konvenuti flimkien mal-eccezzjonijiet taghhom, illi l-partijiet mhux jeskludu li jsir bejgh b`licitazzjoni ta` assi ereditarji jekk mehtieg.

Fil-*Principi di Diritto Civile* – Vol 10 Para 321 - **Laurent** ighid :-

*"L`interesse degli eredi richiede allora che l`immobili siano venduti, poiche se fossero divisi nonostante la difficolta, ne risulterebbe una deteriorazione, essendone il godimento oneroso o difficile, e la perdita ricadrebbe sui condividenti. Quando si puo dire che gl`immobili non sono comodamente*

*divisibili ? E una questione di fatto, nella cui decisione il tribunale gode necessariamente d`una certa latitudine ; esso deve conciliare il diritto degli eredi nell`aver la loro parte in natura, con gl`interessi che han tutti a che i beni non siano depreziati con la loro divisione."*

Fil-kaz tal-lum jirrizulta ppruvat illi l-attrici Philippa Briffa qeghda tokkupa u tirrisjedi fit-terran li jinsab fil-fond 117 (gia` 50), Triq il-Grazzja, Haz-Zebbug. Daqstant iehor jirrizulta ppruvat li l-konvenut Carmelo Agius qieghed jokkupa u jirrisjedi fil-mezzanin li jinsab fl-istess fond 117, Triq il-Grazzja, Haz-Zebbug ; dan tal-ahhar ghandu wkoll il-pussess tar-razzett u tar-raba` maghrufa bhala Tal-Barrakki.

**Il-Qorti tirreferi ghall-konsiderazzjonijiet u ghall-istimi dwar l-immobbli li saru mill-periti tal-qorti. In partikolari dwar il-fond 117, Triq il-Grazzja, Haz-Zebbug, il-Perit Richard Aquilina kien mitlub fl-istadju tal-eskussjoni sabiex jaghti stima tal-intier tal-fond. Meta qieset l-assjem, specjalment il-volonta` tat-testaturi kif espressa fit-testmenti taghhom, il-Qorti mhijiex tal-fehma li ghandha timxi fuq il-kriterju tal-valutazzjoni tal-intier tal-fond, anzi tikkondividi u taghmel taghha l-metodologija segwita mill-Perit Richard Aquilina fir-relazzjoni tieghu fis-sens li t-terran, il-mezzanin u l-art retroposta fil-kaz tal-fond 117 ghandhom jitqiesu separatament.**

Tajjeb jinghad illi fit-testmenti, it-terran u l-mezzanin huma trattati separatament. Ghal din il-Qorti huwa evidenti li t-testaturi riedu li z-zewg fondi, ghalkemm sitwati fil-fond 117, jitqiesu bhala fondi distinti u separati. Il-Qorti sejra tqis ukoll separatament l-art retroposta ghall-fond 117, ladarba skond l-opinjoni teknika tal-Perit Richard Aquilina, l-izvilupp separat tal-art ikun ta` vantagg finanzjarju ghall-partjiet.

**Dwar ir-razzett u r-raba` Tal-Barrakki, l-ewwel perit tekniku ta stima fl-ammont ta` €150,000, mentri l-periti teknici addizzjonali taw valur ta` €280,000 (ara r-relazzjoni minn fol 534 sa 536). Il-Qorti taghmel taghha l-istima tal-periti teknici addizzjonali.**

**Wara hadet kont ta` kollox, il-Qorti hija tal-fehma li l-valur tal-immobbli <u>kollha</u> ghandu jkun ta` <u>€2,166,490</u> maqsum hekk :-**

1) **It-terran, 117 (gia` 50), Triq il-Grazzja, Haz-Zebbug :- <u>€209,610</u> ;**

2) **Il-mezzanin, 117 (gia` 50), Triq il-Grazzja, Haz-Zebbug :- <u>€139,740</u> ;**

3) **L-art retroposta ghall-fond 117 (gia` 50), Triq il-Grazzji, Haz-Zebbug : <u>€1,537,140</u> ; u**
4) **Ir-razzett u r-raba` Tal-Barrakki, Triq il-Buskett, Haz-Zebbug :- <u>€280,000.</u>**

**Billi l-eredi huma l-hames kontendenti, is-somma ta` €2,166,490 ghandha <u>tinqasam indaqs</u> bejniethom b`mod li kull wiehed u wahda minnhom jiehu valur ta` <u>€433,298</u>.**

**<u>L-assenjazzjoni</u>** ghandha ssir kif gej :-

i) L-attrici **<u>Philippa Briffa</u>** tiehu in piena propjeta` t-terran tal-fond 117, Triq il-Grazzja, Haz-Zebbug, hekk kif deskritt fil-pag 23 tar-relazzjoni tal-perit tekniku Perit Richard Aquilina (fol 424 tal-process). Philippa Briffa tiehu **<u>wkoll</u>** flus fl-ammont ta` €223,688.

ii) L-attrici **Marianna Frendo** tiehu flus fl-ammont ta` €433,298.

iii) L-attrici **Agnes D`Anastasi** tiehu flus fl-ammont ta` €433,298.

iv) Il-konvenut **Carmelo Agius** jiehu in piena propjeta`, akkont tas-sehem tieghu mill-wirt, il-mezzanin tal-fond 117, Triq il-Grazzja, Haz-Zebbug, hekk kif deskritt fil-pag 24 tar-relazzjoni tal-perit tekniku Richard Aquilina (fol 425 tal-process) u r-razzett u r-raba` Tal-Barrakki, Triq il-Buskett, Haz-Zebbug. Carmelo Agius jiehu wkoll flus fl-ammont ta` €13,558.

v) Il-konvenuta **Josephine Calleja** tiehu flus fl-ammont ta` €433,298 billi nghatat l-ghalqa Tal-Plieri mhux bhala akkont ta` sehemha mill-wirt.

**L-art retroposta ghall-fond 117, Triq il-Grazzja, Haz-Zebbug, hekk kif deskritta fil-pag 25 tar-relazzjoni tal-perit tekniku Richard Aquilina (fol 426 tal-process) valutata fl-ammont ta` €1,537,140, ghandha tinbiegh b`licitazzjoni. Mir-rikavat ta` l-bejgh, Philippa Briffa tircievi l-ammont ta` €223,688 ; Marianna Frendo tircievi l-ammont ta` €433,298 ; Agnes D`Anastasi tircievi l-ammont ta` €433,298 ; Carmelo Agius jircievi l-ammont ta` €13,558 ; u Josephine Calleja tircievi l-ammont ta` €433,298.**

**Dwar id-deheb, jirrizulta minn verbal tal-partijiet fl-udjenza tat-30 ta` Settembru 2013 illi skond ftehim ta` bejniethom, id-deheb tal-irgiel hadu Carmelo Agius in piena propjeta`, waqt li d-deheb tan-nisa inqasam bejn l-erba` eredi bniet ghas-sodisfazzjon ta` kulhadd.**

**Dwar il-konfratija, il-partijiet m`ghamlux sottomissjonijiet. Skond ir-rieda tat-testaturi, din ghandha tmur ghand il-konvenut Carmelo Agius.**

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tiddisponi mit-talbiet attrici u mill-eccezzjonijiet tal-konvenuti li baqghu mhux decizi bis-sentenzi parzjali taghha tat-30 ta` April 2003 u tat-28 ta` Frar 2007 billi –**

**Riferibbilment ghat-tielet talba, tiddikjara li l-assi ereditarji ta` Paolo u Antonia konjugi Agius li fadal x`jigu divizi bejn il-hames kontendenti, eredi taghhom, huma –**

**1) It-terran, 117 (gia` 50), Triq il-Grazzja, Haz-Zebbug ;**

**2) Il-mezzanin, 117 (gia` 50), Triq il-Grazzja, Haz-Zebbug ;**

**3) L-art retroposta ghall-fond 117 (gia` 50), Triq il-Grazzja, Haz-Zebbug ;**

**4) Ir-razzett u r-raba` Tal-Barrakki, Triq il-Buskett, Haz-Zebbug.**

**Riferibbilment ukoll ghat-tielet talba, tillikwida l-valur komplessiv ta` dawn l-assi fl-ammont ta` zewg miljuni mija sitta u sittin elf erba` mija u disghin Ewro (€2,166,490).**

**Riferibbilment ghar-raba` talba, taqsam l-imsemmi ammont ta` €2,166,490 bejn il-hames kontendenti, eredi ta` Paolo u Antonia konjugi Agius, b`dan illi kull wiehed u wahda minnhom jircievi valur ta` wiehed minn hamsa (1/5) fis-somma ta` ammontanti ghal erba` mija tlieta u tletin elf mitejn tmienja u disghin Ewro (€433,298).**

**Tiddisponi mill-hames talba billi :-**

**1) Tassenja in piena propjeta` lill-attrici Philippa Briffa, bhala akkont ta` sehemha mill-wirt, it-terran tal-fond 117, Triq il-Grazzja, Haz-Zebbug, hekk kif deskritt fil-pag 23 tar-relazzjoni tal-perit tekniku Perit Richard Aquilina (fol 424 tal-process).**

**2) Tassenja wkoll lill-istess Philippa Briffa l-ammont ta` mitejn u tlieta u ghoxrin elf sitt mija tmienja u tmenin Ewro (€223,688).**

**3) Tassenja lill-attrici Marianna Frendo l-ammont ta`erba` mija tlieta u tletin elf mitejn tmienja u disghin Ewro (€433,298).**

**4) Tassenja lill-attrici Agnes D`Anastasi l-ammont ta` erba` mija tlieta u tletin elf mitejn tmienja u disghin Ewro (€433,298).**

**5) Tassenja in piena propjeta` lill-konvenut Carmelo Agius, bhala akkont tas-sehem tieghu mill-wirt, il-mezzanin tal-fond 117, Triq il-Grazzja, Haz-Zebbug, hekk kif deskritt fil-pag 24 tar-relazzjoni tal-perit tekniku Richard Aquilina (fol 425 tal-process) u r-razzett u r-raba` Tal-Barrakki, Triq il-Buskett, Haz-Zebbug.**

**6) Tassenja lill-istess Carmelo Agius l-ammont ta` tlettax-il elf hames mija tmienja u hamsin Ewro (€13,558) u l-konfratija.**

**7) Tassenja lill-konvenuta Josephine Calleja l-ammont ta` erba` mija tlieta u tletin elf mitejn tmienja u disghin Ewro (€433,298).**

**Riferibbilment ukoll ghall-hames talba, tordna l-bejgh b`licitazzjoni tal-art retroposta ghall-fond 117, Triq il-Grazzja, Haz-Zebbug, hekk kif deskritta fil-pag 25 tar-relazzjoni tal-perit tekniku Richard Aquilina (fol 426 tal-process) bil-fakolta` li jippartecipaw oblaturi estranei. Il-prezz tal-bejgh ghandu jibda mill-ammont ta` miljun hames mija sebgha u tletin elf mija u erbghin Ewro (€1,537,140) skond il-valutazzjoni li ghamel il-perit tekniku Perit Richard Aquilina fil-pag 25 tar-relazzjoni tieghu (fol 426 tal-process). Mir-rikavat ta` l-bejgh, l-attrici Philippa Briffa ghandha tircievi l-ammont ta` mitejn u tlieta u ghoxrin elf sitt mija tmienja u tmenin Ewro (€223,688), l-attrici Marianna Frendo ghandha tircievi l-ammont ta` erba` mija tlieta u tletin elf mitejn tmienja u disghin Ewro (€433,298), l-attrici Agnes D`Anastasi ghandha tircievi l-ammont ta` erba` mija tlieta u tletin elf mitejn tmienja u disghin Ewro (€433,298), il-konvenut Carmelo Agius ghandu jircievi l-ammont ta` tlettax-il elf hames mija tmienja u hamsin Ewro (€13,558) u l-konvenuta Josephine Calleja ghandha tircievi l-ammont ta` erba` mija tlieta u tletin elf mitejn tmienja u disghin Ewro (€433,298).**

**Riferibbilment ghas-sitt talba, tinnomina lin-Nutar Pubbliku ta` Malta Dottor Nicholas Vella sabiex jippubblika l-atti relattivi nhar it-Tnejn 25 ta` Mejju 2015 f`nofsinhar fil-bini tal-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.**

**Riferibbilment ghas-seba` talba, tahtar lill-Avukat Dottor Anna Mifsud Bonnici sabiex tidher bhala kuratur fuq l-atti relattivi, f'isem u ghan-nom ta` kull parti li tonqos milli tidher ghall-pubblikazzjoni tal-istess atti.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tmien talba.**

**Tordna li l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluzi dawk tal-Mandat ta` Inibizzjoni Nru 4455/98 MI fl-ismijiet "*Phyllis Briffa et vs Carmelo Agius*" u dawk relatati mal-pubblikazzjoni tal-atti fuq riferiti, jithallsu ndaqs bejn il-hames kontendenti, ilkoll ahwa u eredi ta` Paolo u Antonia konjugi Agius, b`dan illi kull wiehed u wahda mill-kontendenti jhallas wiehed minn hamsa (1/5) ta` l-ispejjez.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------